MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1293/1995/1

**Doris mart Charles Debono, xebba Abela**

***Versus***

**Consiglio, Anthony u Giovanna mart Salvu Bonnici, aħwa Abela; u b'dikriet tal-15 t'April 2002, stante l-mewt ta' Consiglio Abela, l-atti ġew trasfużi f'isem Anthony Abela, Giovanna Bonnici u għal kull interess li jista' jkollu Salvatore Bonnici**

Din hija kawża dwar qsim ta' wirt.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet huma werrieta ta' Filomeno Abela, li miet fl-24 ta' Novembru 1993, u martu Maria Abela, li mietet fit-8 ta' Novembru 1993. Il-wirt għadda bis-saħħa ta' testment *unica charta* tat-30 ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino. Fl-istess testment it-testaturi ħallew diversi prelegati.
Billi ma jridux illi l-wirt jibqa' mhux maqsum, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:
1. tillikwida l-assi ta' wirt ta' Filomeno u Maria Abela;

2. tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija fit-testment, u illi l-bqija tal-wirt jinqasam f'erba' ishma ndaqs; u

3. tassenja sehem lil kull wieħed u waħda mill-partijiet; u

4. taħtar perit biex jagħmel stima u jħejji pjan ta' qasma, nutar biex jirċievi kull att li jkun meħtieġ, u kuratur għall-kontumaċi.

Qegħdin jitolbu wkol l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuti ressqu tnax-il eċċezzjoni li fihom – ħlief għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet li iżda ma għandhom ebda meritu – essenzjalment igħidu illi jaqblu mat-talbiet ta' l-atturi.

Wara illi l-partijiet qablu dwar x'inhuma l-assi tal-wirt, u fissru wkoll x'inhima l-punti kontestati, il-qorti b'dikriet tat-8 t'April 1997 u b'dikriet ieħor tat-18 ta' Frar 2003 ħatret lill-A.I.Ċ. Frederick Doublet sabiex jagħmel stima u jħejji pjan ta' qasma, b'dan illi, billi waqt is-smigħ tal-kawża miet wieħed mill-konvenuti u wirtuh il-partijiet kollha f'ishma ndaqs, il-perit kellu jħejji tliet ishma ndaqs flok erbgħa, wara li jqis il-ħlas tal-prelegati. Il-perit irrelata fl-14 ta' Diċembru 2001 u fit-18 ta' Novembru 2004.

Il-perit, barra milli għamel pjan ta' qasma kif imqabbad jagħmel mill-qorti, ippropona wkoll kif l-ishma għandhom jiġu assenjati lill-partijiet. Il-konvenuti opponew għal dan, għax qalu illi meta qal min mill-partijiet għandu jieħu liema sehem, il-perit mar lil hemm minn dak li ordnatlu jagħmel il-qorti.

Huwa minnu illi idejalment il-periti ġudizzjarji għandhom jimxu fuq id-direttivi li tagħtihom il-qorti; jekk jidhrilhom illi dawk id-direttivi għandhom jinbidlu jew jitwessgħu, għandhom jagħmlu talba għal hekk b'rikors, u mhux jieħdu inizjattivi minrajhom.

Fil-każ partikolari tallum, il-perit fisser illi l-qasma kellha ssir b'assenjazzjoni u mhux bix-xorti sabiex jitħares dak li trid il-liġi fl-artt. 503 u 504 tal-Kodiċi Ċivili, u wkoll għax ħaseb illi l-partijiet kienu qablu illi l-qasma ssir b'assenjazzjoni. Qbil f'dan is-sens, iżda, ma kienx hemm, waqt illi d-dispożizzjonijiet ta' l-artt. 503 u 504 tal-Kodiċi Ċivili jolqtu biss uħud mill-immobbli, u mhux lill-immobbli kollha fil-wirt. Għalhekk li kien imissu jsir hu illi ssir assenjazzjoni biss safejn hu meħtieġ biex jitħares dak li

jridu l-artt. 503 u 504 tal-Kodiċi Ċivili, waqt illi l-bqija ta' l-ishma jitqassmu bix-xorti.

Biex dan isir tkun meħtieġa perizja oħra u spejjeż oħra, iżda l-qorti hija tal-fehma illi l-ispejjeż tal-perizja ġà telgħu ħafna u illi ma għandhiex iddaħħal lill-partijiet f'aktar spejjeż. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, u wkoll għax jidher illi s-segregazzjoni u servitù li jistgħu jinħolqu huma ta' importanza relativament żgħira, sejra tordna illi l-qasma ssir bix-xorti.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' l-kawża:

1. tordna illi qabel xejn isir dak li riedu t-testaturi Filomeno u Maria Abela fit-tielet (3) artikolu tat-testment *unica charta* tat-30 ta' Marzu 1989 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino, u jitħallsu l-prelegati skond l-artt. ħamsa, sitta u sebgħa (5, 6 u 7) ta' l-istess testment;

2. tordna illi l-bqija tal-beni immobbli tal-wirt jinqasmu fi tliet ishma kif muri fl-i*spreadsheet* imħejjija mill-perit tekniku fit-tieni relazzjoni tiegħu, li qiegħda *fol*. 234 tal-proċess u li għandha titqies parti minn din is-sentenza, b'dan illi l-ismijiet "Doris Debono", "Anthony Abela" u "Giovanna Bonnici" fuq ir-raba', il-ħames u s-sitt kolonni jitħassru u flokhom jitniżżel il-kliem "sehem A", "sehem B" u "sehem Ċ";

3. taħtar lin-Nutar Henri Vassallo sabiex, wara li jtella' l-poloz għat-tqassim tat-tliet ishma fost il-partijiet fil-preżenza tal-partijiet jew, jekk xi wħud mill-partijiet ma jidhrux, fil-preżenza tal-kuratur li sejjer jinħatar aktar 'l isfel f'din is-sentenza, jirċievi u jippubblika l-att ta' immissjoni fil-pussess tal-prelegati u ta' qasma fit-13 t'Ottubru 2006 fl-10.00 *a.m.* fil-bini tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta;

4. tordna illi l-flus tal-wirt jiġu żbankati mill-kuratur u mqassma fost il-partijiet f'ishma ndaqs;

5. tordna illi l-partijiet jagħmlu offerti siġillati għax-xiri tal-ħwejjeġ mobbli tal-wirt; dawn l-offerti jiġu konsenjati lin-Nutar Henri Vassallo minnufih qabel il-pubblikazzjoni ta' l-att ta' qasma u, wara li n-nutar jiftaħ l-offerti fil-preżenza tal-partijiet jew tal-kuratur, il-ħwejjeġ mobbli jinbigħu lil min fost il-partijiet ikun għamel l-ogħla offerta u r-rikavat jinqasam f'ishma ndaqs bejn il-partijiet;

6. taħtar lill-Avukat Etienne Calleja bħala kuratur biex jidher f'isem min mill-partijiet ma jersaqx għall-pubblikazzjoni ta' l-att u għall-qsim tal-flus; u

tordna illi l-ispejjeż kollha jinqasmu hekk: parti minn tlieta (⅓) tħallasha l-attriċi Doris Debono, parti minn tlieta (⅓) jħallasha l-konvenut Anthony Abela, u parti minn tlieta (⅓) tħallasha l-konvenuta Giovanna Bonnici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------